MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2014

Numru. 977/2013

**Il-Pulizija**

**[Spettur Fabian Fleri]**

**[Spettur James Grech]**

**vs**

**Massimiliano Maurizio**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Massimiliano Maurizio detentur tal-karta tal-identita` numru 11464(A).

Akkuzat talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

1. Fit-28 ta' Gunju 2013, ghall-habta ta' bejn it-tlieta u it-tlieta u nofs ta' wara nofs in-nhar minn fuq il-bajja li tinsab taht Triq it-Trunciera San Pawl il-Bahar, ikkometta serq ta' basket illi kien fih camera tar-ritratti, zewg mobile phones u affarijiet ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, liema valur huwa izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), ghad-detriment ta' Terry William Robert Smallwood u/jew persuna/i ohra;

2. Fit-30 ta' Gunju 2013, ghall-habta ta' bejn l-erbgha u ghoxrin u il-hamsa ta' wara nofs in-nhar minn fuq il-bajja Tal-Balluta, ikkometta serq ta' basket illi kien fih mobile phone u affarijiet ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, liema valur huwa izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), ghad-detriment ta' Sandro Terdik u/jew persuna/i ohra;

3. Fid-29 ta' Lulju 2013, ghall-habta ta' l-erbgha u nofs u nofs ta' wara nofs in-nhar minn fuq il-bajja ta' Ghajn Tuffieha, ikkometta serq ta' basket illi kien fih camera tar-ritratti, zewg mobile phones u affarijiet ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, liema valur huwa izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), ghad-detriment ta' Kristian Milan u Jessica Grima u/jew persuna/i ohra;

4. Fit-30 ta' Gunju 2013 u fil-gimghat ta' wara din id-data gewwa dawn il-Gzejjer, xjentament xtraw jew laqa' ghandu oggett misruq u cioe` mobile phone li l-valur tieghu ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94), mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkun indhalt biex tbieghu jew tmexxieh.

5. Fit-18 ta' Settembru 2012 u fil-gimghat u ix-xhur ta' wara din id-data gewwa dawn il-Gzejjer, xjentament xtara jew laqa' ghandek oggett misruq u cioe` mobile phone li l-valur tieghu ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94), mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkun indhalt biex tbieghu jew tmexxieh.

6. U talli kiser il-provediment tal-Artiklu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Antonio Vella LLd datata 10 ta' Lulju 2013

7. U talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi tratta bi procedura sommarja; u

Semghet l-ammissjoni tal-imputat u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 31, 17, 267, 279(a), 334(a), 285, 325(1), 280(1), 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda ssib lill-imputat Massimiliano Maurizio hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal hamsa u ghoxrin (25) xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------